MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2010

Appell Civili Numru. 1045/2005/1

**Helen Samantha Brett**

**v.**

**Kontrollur tad-Dwana**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

Dan hu appell ad istanza tar-rikorrenti Helen Samantha Brett minn sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-5 ta' Lulju 2007 li cahdet it-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjez kontra taghha, liema sentenza sejra tigi hawn

riprodotta fl-intier taghha ghal intendiment ahjar tal-istess appell:-
“Il-Qorti:

“Rat ir-rikors ipprezentat fit-2 ta’ Novembru, 2005 li in forza tieghu, wara li ppremettiet illi:

“L-esponenti hija sid il-*yacht ‘Captain Nemo’* numru ta’ registrazzjoni SSR105809, liema *yacht* gie maqbud minn l-intimat fl-10 ta’ Settembru, 2005 u dana wara li allegatament kien involut f’qabda ta’ xorb alkoholiku fl-ibhra Maltin u dana fl-istess jum meta l-istess *yacht* gie maqbud;

“Il-*yacht* in kwistjoni meta sar l-allegat reat kontra l-ligijiet tad-dwana ma kienx fil-kustodja u pussess tal-esponenti izda kien qieghed fil-pussess ta’ terzi. Illi l-esponenti qatt ma awtorizzat li l-*yacht* taghha jintuza ghal xi skopijiet kriminuzi;

“Ghalhekk l-esponenti kien dejjem in buona fede u ma ghandhiex issofri dannu billi l-intimat jordna konfiska tal-*yacht* proprjeta’ taghha. Illi di fatti l-esponenti talbet lill-intimat fit-3 ta’ Ottubru, 2005 sabiex il-*yacht* proprjeta` taghha jigi rilaxxjat minn l-intimat skond il-ligi;

“Il-proceduri qed issiru ai termini tal-Artikolu 73 et seq tal-Kap. 37 tal-Ligijiet ta’ Malta u dana peress li l-esponenti qed tikkontesta l-qabda tal-*yacht* proprjeta’ taghha;

“Waqt il-konfiska l-esponenti giet maghrufa li l-*yacht* taghha kien qed isofri hsarat;

“Talbet lill-intimati jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex:

“Tordna illi il-*yacht* bl-isem *‘Captain Nemo’* numru tar-Registrazzjoni SSR105809 jigi rilaxxjat minghand l-intimat u jigi rilaxxjat favur l-esponenti sid l-istess *yacht* minhabba fir-ragunijiet moghtija f’dan l-umli rikors u ragunijiet ohra li jistghu jinghataw waqt is-smiegh ta’ l-istess proceduri.

“Rat ir-risposta tal-Kontrollur tad-Dwana li in forza taghha eccepixxa illi:

“Preliminarjament in-nuqqas ta’ notifika tal-Avukat Generali bir-rikors promotur ai termini tal-artiklu 181B(3) tal-Kap. 12.

“Il-*yacht* mertu ta’ din il-kawza kien qed jintuza biex tingarr u tkun impurtata f’Malta kwantita` ta’ xorb alkoholiku li fuqu ma kinux thallsu t-taxxi dovuti, li kienu jlahhqu s-somma ta’ iktar minn tmint elef lira (Lm8,000), u ghalhekk il-*yacht* huwa suggett ghal konfiska ai termini tal-ligijiet doganali u b’mod partikolari l-artiklu 68 tal-Ordinanza tad-Dwana Kap. 37.

“Jinghad ukoll li l-proceduri ghar-rilaxx ta’ oggetti maqbuda mill-esponent huwa proceduri in rem u ghalhekk hu irrelevanti ghal dan il-kaz x’inhi r-relazzjoni bejn ir-rikorrent u l-*yacht* innifsu u t-taghrif o meno li kellha r-rikorrent dwar il-mod ta’ uzu ta’ dan il-*yacht*.

“Ghaldaqstant, l-esponent jopponi t-talba kif dedotta, u jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talba tar-rikorrenti bl-ispejjez kontriha.

“Salv eccezzjonijiet ohra jekk ikun il-kaz.

“Semghet il-provi li ressqu l-partijiet;

“Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezebiti;

“Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

“Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

“Ikkunsidrat;

“Jirrizulta li r-rikorrenti hija s-sid u proprjetarja tal-*yacht* maghruf bl-isem *“Capitian Nemo”*. Ir-rikorrenti hija mizzewga lil Kevin Micallef li ghal habta tal-bidu ta’ Settembru, 2005, mar biha flimkien ma’ hbieb tieghu ghal gita gewwa Sqallija. Ir-rikorrenti ma kienetx mieghu fuq

dik il-gita, pero`, taf li zewgha gieli juzha mal-bieb u zewgha ghandu l-permess taghha biex juza l-*yacht* mal-hbieb tieghu. Zewgha ghandu negozju li in forza tieghu imexxi bar f'San Pawl il-Bahar.

"Waqt li zewgha u l-hbieb tieghu kienu qed jirritornaw Malta minn Sqallija, l-ufficcjali tad-Dwana indunaw li fil-*yacht* kien hemm kwantita` ta' xorb alkoholiku li fuqha ma kinetx thallset it-taxxa dovuta, liema taxxa kienet tlahhaq aktar minn Lm8,000. Ittiehdu proceduri ghall-konfiska tax-xorb alkoholiku u gie maqbud ukoll il-*yacht* in kwistjoni, u dan a bazi tal-Artikolu 68 tal-Ordinanza tad-Dwana (Kap. 37) li jipprovdi kif gej:

*"68. (1) Il-bastimenti, il-vetturi jew mezzi ohra ta' garr, flimkien maz-zwiemel jew annimali u hwejjeg ohra li jkun sar xjentement uzu minnhom fl-importazzjoni, fl-izbark, fit-twarrib, jew fil-garr ta' oggetti li d-dazju taghhom ma jkunx imhallas jew li jkunu, taht din l-Ordinanza, suggetti ghal konfiska ghandhom jigu kkonfiskati:*

*Izda, ebda bastiment ma jkun suggett ghal konfiska taht id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu, jekk ma jkunx ta' purtata anqas minn mitejn u hamsin tunnellata"*.

"Mhux kontestat li l-*yacht* in kwistjoni huwa ta' purtata anqas minn 250 tunnellata.

"Ir-rikorrenti, bhala sid il-*yacht*, qed tallega li hi ma kienetx involuta fl-allegat reat u qatt ma awtorizzat l-uzu tal-*yacht* ghal xi skopijiet kriminuzi u, ghalhekk, qed titlob ir-rilaxx tal-*yacht.* Ir-rikorrenti bdiet dawn il-proceduri fit-termini tal-Artikolu 72(2) tal-indikat Kap. 37 li jipprovdi illi:

*"(2) Il-hwejjeg maqbuda taht din l-Ordinanza jitqiesu ikkonfiskati bis-sahha tal-ligi stess u jistghu jinbieghu jew jista' jsir bihom xort'ohra, kif jordna l-Ministru responsabbli ghad-dwana, kemm-il darba dak li minghandu l-haga tkun giet maqbuda, jew sidha, jew xi hadd awtorizzat minnu, fi zmien tletin gurnata mill-qbid, ma jaghtix avviz bil-miktub lill-Kontrollur, li hu jitlob lura l-hwejjeg hekk maqbuda jew li bi hsiebu jitlobhom lura; f'dan il-kaz il-persuna li titlob lura*

*l-hwejjeg maqbuda ghandha, fi zmien tlettin gurnata minn dak l-avviz, tibda l-procediment mehtieg quddiem il-Qorti Civili kompetenti, skond il-valur tal-haga maqbuda u, fin-nuqqas ta' dan il-jedd fuq din il-haga jitqies li gie mitluq"*.

"Stabbilita din l-espozittiva tal-fatti, il-kwistjoni centrali tibqa' dik jekk ir-rikorrenti hijiex gustifikata li, bhala sid, titlob ir-rilaxx tal-*yacht* meta hi ma kienetx involuta fl-allegat agir kontra l-ligijiet tal-pajjiz.

"Certament, huwa nnegabbli li l-Kontrollur tad-Dwana hu vestit bid-diskrezzjoni u s-setgha amministrattiva li taghtih il-ligi fil-Kapitolu 37. Sta imbaghad ghall-Qorti li tiddeciedi u taqta' l-kontroversji li jinsorgu bejn id-Dwana u l-importaturi jew kontribwenti f'materji tax-xorta ta' dik hawn ezaminata. Jibqa' dejjem fundamentali pero` li l-ligijiet tributarji ma ghandhomx jigu sfurzati ghaliex kif irriteniet il-Qorti ta' l-Appell fid-decizjoni riportata a **Vol. XXVIII P I p 523,** fuq l-enuncjazzjoni tas-sentenza <u>"Dottor Carlo Manche` vs Onorevoli Huber nomine"</u>, (7 ta' Dicembru, 1921), *"quando le leggi tributarie sono chiare non e` permessa alcuna interpretazione, ma esse devono essere applicate nel loro senso letterale, poiche` l'interpretazione che meglio si addice alle leggi tributarie, anche nel dubbio, come c'insegna Ulpiano, e` la letterale: 'in re igitur dubia melius est verbis Edicti servire'; sezione I para. 20 Digesto 'De Exercitoria actione'. Ne possono sempre le leggi tributarie interpretarsi con le regole del diritto commune, poiche in simili leggi, il legislatore molte volte sente il bisogno di discostarsi da quelle regole per assicurare una maggiore produttivita imponendo sacrifice al singolo cittadino pel bene collettivo e per tutelare la legge contro possibili evasioni"*.

"Jitnissel minn dan l-insenjament illi l-interpretazzjoni la ghandha tkun favur jew kontra l-importatur jew favur jew kontra d-Dwana, imma d-disposizzjoni tal-ligi talvolta applikabbli ghandhom jigu nterpretati skond ir-regoli soliti u normali ta' l-ermenewtika grammatikali u tal-logika;

Mhux kontestat li, f'dan il-kaz, waqt li l-*yacht* in kwistjoni kien f'idejn ir-ragel tar-rikorrenti, l-istess *yacht* instab

b'oggetti li fuqhom id-dazju ma kienx imhallas. Mhux kompitu ta' din il-Qorti tidhol biex tezamina r-responsabbilita' o meno ta' min kien qed idahhal f'Malta l-oggetti in kwistjoni, pero`, bhala fatt, il-*yacht* kien qed jintuza biex igorr xorb alkoholiku li fuqu d-dazju tieghu ma kienx imhallas.

"Ghal dawk li huma sottomissjonijiet tar-rikorrenti, anke dwar il-proprjeta' tal-istess *yacht*, li in verita' xejn ma tbiddel mill-fatti fuq esposti, u lanqas mill-konsegwenzi legali bbazati fuq l-istess fatti, huwa rilevanti li wiehed jirreferi wkoll ghal dak li jghid awtur Ingliz McFarlane fil-ktieb tieghu 'Customs and Excise, Law and Practice' fejn jikkwota l-kaz 'Dr Keyser vs British Railway Traffic and Electric Co. Ltd' fejn inghad is-segwenti:-

*"a motor wagon which was seized by Customs on the ground that it was being used for the conveyance of goods liable to forfeiture. At the time the wagon was subject to a hire purchase agreement between the operators and British Railway Traffic. The officers of the respondent company were totally unaware of and free from complicity in the transaction which led to the seizure. However it was held in the Divisional Court that the Court was bound to condemn the vehicle, and that it had no discretion to decline to do so on the ground of hardship to an innocent owner. Lord Hewart observed '… this undoubtedly rigorous statute gives the claimant no opportunity of asking the Court to take into consideration mitigating circumstances …'. There is no opportunity for mercy with regard to a conveyance which has been forfeited. The only remedy available would be to institute an action against the persons who made use of such a vehicle in order to recover the damages of its loss".*

"Il-principju marbut mal-Artikolu 68 in kwistjoni gie trattat ukoll fil-kawza "Xuereb vs Kontrollur tad-Dwana", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-10 ta' Ottubru, 2005, fejn gie osservat is-segwenti:

*"Kwantu ghat-tieni parti ta' l-istess aggravju, jibda biex jigi osservat illi x-xjenza o meno tar-rikorrenti, sid il-vettura,*

*ma ticcentrax fil-materja. Ghal fini ta' l-Artikolu 68 dak li jitqies l-aktar centrali hu l-fatt li l-vettura ntuzat biex jigi mwettaq reat kontra l-ordinanza Doganali u li, in kwantu tali, kien assoggetta l-istess vettura ghal konfiska. Anke jekk il-fatti huma diversi, l-osservazzjoni in calce tas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tas-27 ta' Frar, 2003 in re: "Cara Ltd vs Kontrollur tad-Dwana" tibqa' wahda valevoli. A propozitu jinghad fiha illi "l-proceduri ta' konfiska huma proceduri in rem. Gjaladarba l-merkanzija dahlet Malta kontra l-Ordinanza tad-Dwana l-intimat kellu s-setgha li jikkonfiskaha"*.

"Hu car, allura, li l-fatt li r-rikorrenti hija sid il-*yacht* u li ma kienetx taf bl-iskop kriminuz li ghalih zewgha kien se juza l-*yacht*, huma cirkustanzi immaterjali ghal fini tal-Artikolu 68 tal-Kap. 37. La darba t-terz li ghamel uzu mill-*yacht*, kien qed jaghmel hekk bl-awtorizzazzjoni jew bil-konoxjenza ta' sid l-istess *yacht*, il-konsegwenzi legali huma dawk ta' konfiska, salv kull dritt spettanti lilha kontra l-persuna jew persuni li kienu involuti f'dan in-negozju *si et quatenus*.

"Dan apparti, hemm aspetti ohra x'jigu kkonsidrati. L-azzjoni esperita mir-rikorrenti hi tendenti ghar-ri-akkwist u rivendikazzjoni tal-proprjeta' tal-*yacht*. In tema ghall-Artikolu 68 jinkombi fuqha li jgib prova li l-utent tal-*yacht* ma agixxiex *"xjentement"*. Skond principji tradizzjonali, fil-kamp civili, l-*onus probandi* jagrava dejjem fuq l-attur jew f'dan il-kaz, ir-rikorrenti, ghaliex l-affermazzjoni qed taghmilha hi, u l-intimat ma ghandux ghalfejn jaghmel il-prova negattiva. L-intimat jibqa' assistit mir-regola procedurali sancita fl-Artikolu 562, Kapitolu 12 li tistabilixxi illi *"l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah"*. Dan ifisser illi hija r-rikorrenti li tibqa' mghobbija li toffri prova adegwata u allura c-certezza tal-fatt allegat. Xejn allura ma jiswa r-riljiev sottomess mir-rikorrenti tal-falliment tal-provi dedotti mill-intimat in dimostrazzjoni ta' l-infondatezza tal-pretensjoni tieghu. Dan anke ghaliex huwa konformi ghall-principju regolanti l-piz tal-prova, u allura wkoll ta' l-esigenza logika, illi l-addossar ta' dan l-istess piz jaqa' fuq min jallega fatt favorevoli ghalih. Jaggrava ghalhekk bi dmir fuqu li jaghti prova ta' l-

ezistenza ta' dak il-fatt. Fil-kaz in ezami r-rikorrenti ma rnexxielux tiddemostra, ghas-sostenn tat-talba taghha ta' rivendika, illi min ghamel uzu bil-vettura taghha ghat-trasport ta' oggetti sdazjali ma kellux tabilhaqq dik ix-xjenza li jsemmi l-Artikolu 68, u li jista' jitqies bhala sostratt baziku taghha. *"Xjenza"* din li, inversament, fil-proceduri kriminali kontra l-utent tal-*yacht*, jispetta lil prosekuzzjoni li tipprova u ssostni. Dan ghaliex, kif saput, id-dixxiplina tal-piz tal-prova hi regolata differentement fil-kamp penali. Il-mankanza tar-rikorrenti li jgib 'il quddiem u jsostni l-fatt principali allegat igib, b'konsegwenza, illi lanqas ma jinsab sostenut illi l-intimat agixxa abuzivament jew mhux konformement mad-dettam u l-ispirtu tal-ligi fl-Ordinanza citata (Kapitolu 37). Lanqas allura ma jista' jitqies konkludentement sorrett dan l-aggravju tar-rikorrenti.

"Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi tichad it-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjez kontra taghha."

**L-appell tar-rikorrenti**

Ir-rikorrenti hassitha aggravata bis-sentenza surriferita u interponiet dan l-appell permezz ta' rikors datat 25 ta' Lulju 2007. In succint l-aggravji tal-istess rikorrenti jistghu jigu sintesizzati hekk:

1. Illi l-esponenti ippruvat fuq bazi ta' probabilita' li hi ma kellha l-ebda hjiel, aktar u aktar xjenza dwar l-uzu illecitu tal-*yacht* de quo, u ghaldaqstant l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta qieset irrilevanti x-xjenza o meno tar-rikorrenti dwar l-uzu tal-istess *yacht*.

2. Illi l-procedura segwita mir-rikorrenti m'ghandhiex tigi interpretata strettament ghal kull kaz bhala procedura *in rem* kif trattatha l-ewwel Qorti.

3. Illi r-rikorrenti tishaq ukoll illi l-iskop tal-Artikolu 72 (2) tal-Kap 37 jintilef jekk is-sid jinzamm hu ukoll responsabbli ghal dak li hu qatt ma awtorizza u li fic-

cirkostanzi kien fl-impossibilita' tieghu li qatt ikun jaf bl-allegat uzu illecitu ta' l-utent tal-*yacht*.

4. Illi l-ewwel Qorti ghamlet interpretazzjoni hazina tal-procedura taht l-Artikolu 72 tal-Kap 37 ghaliex l-istess Qorti kellha d-dover li tissindika jekk ir-rikorrenti, *qua* sid tal-*yacht*, ghandhiex fic-cirkostanzi jkollha d-dritt li titlob lura l-*yacht* minhabba ragunijiet illi fuq bazi ta' probabilita' zgur qatt ma awtorizzat jew b'xi mod kellha l-konoxxenza li l-*yacht* kien se jintuza ghal skopijiet illeciti.

5. Illi l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta qalet illi r-rikorrenti ma rnexxiliex tipprova li min ghamel uzu mill-*yacht* ma kellux tabilhaqq dik ix-xjenza li jsemmi l-Artikolu 68 tal-Kap 37. Skond l-istess rikorrenti dak li riedet tipprova kien jekk hi kellhiex dik ix-xjenza, u mhux xi xjenza kellu l-utent tad-dghajsa.

6. Finalment ir-rikorrenti issostni li kien ingust li ladarba kien ghad hemm proceduri kriminali pendenti fil-konfront tal-utent tad-dghajsa, l-ewwel Qorti ma ghazlitx li tissoprassjedi sakemm jigi definit il-process kriminali.

Ghalhekk ir-rikorrenti talbet li dina l-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza fl-ismijiet fuq premessi moghtija mill-ewwel Qorti fil-5 ta' Lulju 2007 u minflok tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti. Bl-ispejjez.

**Ir-risposta tal-Kontrollur tad-Dwana**

Il-Kontrollur konvenut wiegeb preliminarjament li s-sentenza appellata hija gusta u timmerita konferma u dan ghas-segwenti ragunijiet:-

1. Illi fir-rigward tal-aggravji tal-appellanti dwar l-element ta' xjenza, huwa jissottometti li mhix korretta fl-interpretazzjoni taghha ta' Artikolu 68 tal-Kap 37.
2. Illi fir-rigward tal-aggravji numru tlieta, erbgha u hamsa, il-Kontrollur konvenut isostni li l-kontestazzjoni tal-qbid ai termini tal-artiklu 72 tal-Kap 37 hija procedura *in rem* peress li fiha jista' jintalab biss ir-rilaxx tal-oggett

maqbud u ghalhekk kwalunkwe xjenza li seta' kellha jew ma kellhiex is-sid tal-oggett hija rrilevanti.

3. Illi fir-rigward tas-sitt aggravju l-Kontrollur konvenut jissottometti li l-ewwel Qorti kienet korretta meta qalet li r-rikorrenti kellha tipprova li min ghamel uzu tal-*yacht* ma kienx jaf li kellu merkanzija sdazjata fuq l-istess *yacht*. Dan assolutament ma rrizultax waqt il-proceduri, pjuttost irrizulta bil-kontra.

Ghalhekk il-konvenut talab li dina l-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha u hekk tichad it-talbiet tar-rikorrenti, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra taghha.

**Fatti tal-kawza**

Qabel ma tghaddi sabiex tikkonsidra l-appell, din il- Qorti thoss li jkun utili li taghti sfond fil-qosor tal-fatti kollha mertu tal-kawza in kwistjoni, u dan kif ser jinghad:-

Ir-rikorrenti hija sid il-yacht maghruf bl-isem *Kapitan Nemo*. Ghall-habta tal-bidu ta' Settembru 2005, zewgha Kevin Micallef, mar bl-istess *yacht* flimkien ma' xi hbieb tieghu ghal gita gewwa Sqallija. Waqt li kienu Sqallija zewgha u habib tieghu, certu Allan Bugeja xtraw xi xorb ghal party li kienu se jorganizzaw ghaz-zghazagh aktar tard dak ix-xahar stess. Gara li mar-ritorn taghhom Malta, skond Micallef inqalghulu xi problemi fid-dghajsa u ghalhekk minflok dahal fil-port, Valletta dahal il-Qawra. Meta dahal il-Qawra saret spezzjoni ghall-gharrieda mill-pulizija u instab xorb alkoholiku fuq l-istess *yacht*, liema xorb ma kienx gie dikjarat ai fini ta' taxxa. Sussegwentement gie konfiskat kemm ix-xorb alkoholiku u kif ukoll il-*yacht* in kwisjtoni ai termini tal-Artikolu 68 tal-Ordinanza tad-Dwana (Kap 37).

Illi peress li r-rikorrenti ma kinitx involuta f'dan kollu qieghdha titlob ir-rilaxx tal-istess *yacht* proprjeta' taghha ai termini tal-Artikolu 72 (2) tal-Kap 37.

**Kunsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

**<u>L-ewwel zewg aggravji</u>** jistghu facilment jigu konsidrati bhala aggravju wiehed u cioe` li r-rikorrenti jidhrilha li hija gustifikata titlob ir-rilaxx tal-*yacht* in kwistjoni stante li hi ppruvat li ma kellha l-ebda xjenza ta' dak allegatament kommess minn min kellu l-pussess tal-istess *yacht.*

Illi din il-Qorti tosserva illi meta jirrizulta ksur tal-provvedimenti ta' l-Artikolu 68 il-konfiska hemm komminata hija mandatorja billi l-Kontrollur tad-Dwana ma jinghata ebda diskrezzjoni. Infatti l-Artikolu citat jipprovdi espressament li *"Il-bastimenti, il-vetturi jew mezzi ohra ta' garr, flimkien maz-zwiemel jew annimali u hwejjeg ohra li jkun sar xjentement uzu minnhom fl-importazzjoni, fl-izbark, fit-twarrib, fit-tizmim, fil-habi, jew fil-garr ta' oggetti li d-dazju taghhom ma jkunx imhallas jew li jkunu, taht din l-Ordinanza, suggetti ghal-konfiska* ***ghandhom jigu kkonfiskati****"* (enfazi tal-Qorti).

Illi minn qari ta' Artikolu 68 (1) tal-Kap 37 jirrizulta bla ebda dubju illi x-xjenza li qieghed jitkellem fuqha l-legislatur hija ta' dak li jkun qieghed juza l-bastiment. Imkien il-ligi ma taghmel distinzjoni bejn is-sid u l-utent tal-istess bastiment. Ghalhekk fejn il-ligi ma tiddistingwix lanqas m'ghandhom jiddistingwu dawn il-Qrati. Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghas-sentenza **"Francis Xuereb pro et noe. vs Kontrollur tad-Dwana**" deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fl-10 ta' Ottubru 2005, kif ikkwotata b'approvazzjoni mill-ewwel Qorti, liema kawza kienet tixbah hafna lill-kawza odjerna. F'dik is-sentenza l-Qorti spjegat b'mod car hafna l-kuncett tax-xjenza f'Artikolu 68 tal-Kap 37. Din il-Qorti ma thossx li hemm ragunijiet validi ghaliex ghandha tiddipartixxi mill-hsibijiet enuncjati fis-sentenza kwotata. Din il-Qorti taghmel referenza wkoll ghas-sentenza **Guido Vella vs Kontrollur tad-Dwana** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-31 ta' Ottubru 2008 fejn f'cirkostanzi simili il-Qorti, segwiet l-istess hsibijiet u qalet:

*"Il-Qorti wara li eżaminat il-provi fid-dettal, tħoss li huwa probabbli li l-attur ma kienx jaf x'inhu għaddej u li l-operazzjoni li fiha kienet ser tinkiser il-liġi kienet saret min-nies oħrajn. Madankollu kif sewwa eċċepixxa l-intimat,*

*din il-proċedura tal-konfiska hija waħda in rem u l-buonafede u innoċenza tal-proprjetarju tal-oġġett konfiskat ma jaffetwawx il-validita' tal-konfiska jekk l-oġġetti konfiskati jkunu il-corpus delicti fis-sens li jkunu ddaħħlu kontra l-Ordinanza tad-Dwana jew sar attentat biex dan isir – ara s-sentenza tal-**Qorti tal-Appell fl-ismijiet Cara Limited vs Kontrollur tad-Dwana** deċiża fis-27 ta' Frar, 2003.”*

Ir-rikorrenti tissottometti wkoll illi dak li ccitat l-ewwel Qorti mill-awtur Ingliz **McFarlane** ma jattiljawx mac-cirkostanzi tal-kaz in ezami. Din il-Qorti ma tqisx li l-fattispeci tal-kaz ikkwotat mill-ewwel Qorti huma daqstant differenti minn dawk tal-kaz odjern. It-tnejn jittrattaw konfiska ta' mezzi ta' trasport meta l-proprjetarji taghhom ma kinux konsapevoli tal-fatti illeciti li wasslu ghall-istess konfiska. Kif qalet sewwa l-Qorti Ingliza fil-kaz ikkwotat minn **McFarlane**, l-uniku rimedju li s-sid ghandu disponibbli hija azzjoni ghad-danni kontra l-persuna li ghamlet uzu hazin mill-istess mezz ta' trasport.

Ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti ir-rikorrenti ma tistax tirnexxi fl-azzjoni taghha abbazi tal-fatt li hi ma kinitx konsapevoli li l-*yacht* kien qieghed igorr fuqu oggetti sdazjati.

Lanqas ma tista' l-azzjoni tirnexxi fuq il-bazi li l-pussessur tal-*yacht* u t-terza persuna li xtrat ix-xorb mieghu, ma uzawx xjentement il-bastiment ghall-importazzjoni tax-xorb in kwistjoni sabiex ma jithallasx dazju fuqu. Minn qari ta' l-istqarrija separata taghhom m'hemm l-ebda dubju x'kienet l-intenzjoni taghhom. Din l-intenzjoni hi wkoll korroborata mic-cirkostanzi tal-kaz, bhal per ezempju, nuqqas ta' avviz lit-turretta hekk kif il-*yacht* kien diehel Malta u suppost inqalghetlu l-hsara, u nuqqas ta' tlugh tal-bandiera safra li tissenjala lill-ufficjali tad-dwana li kien hemm oggetti biex jigu dikjarati abbord.

Ghalhekk dawn l-aggravji qed jigu respinti.

Illi fir-rigward **tat-tielet, tar-raba' u l-hames aggravju**, dawn wkoll jirrigwardaw b'xi mod ix-xjenza tar-rikorrenti.

Hija tishaq li l-Qorti ghandha d-dover tissindika jekk fic-cirkostanzi kif esposti l-istess rikorrenti kellhiex dritt li titlob lura l-*yacht* in kwistjoni. Issostni wkoll li l-ewwel Qorti ghamlet interpretazzjoni hazina tal-procedura stante li bil-fatt biss li hi kienet konsapevoli u awtorizzat lil zewgha juza l-*yacht* in kwistjoni, ma ghandux igib il-konsegwenzi legali ta' konfiska.

Illi din il-Qorti ma taqbilx ma' dan ir-ragunament. Il-kliem tal-ligi huwa car, u kuntrarjament ghal dak sottomess mill-istess appellanti, din il-Qorti ma tistax ma tinterpretax strettament dak li ma jaghti lok ghal ebda interpretazzjoni ohra. L-Artikolu 68 tal-Kap 37 jipprovvdi ghall-<u>konfiska tal-mezz</u> uzat biex jigu mdahhla oggetti zdazjati mentri l-Artikolu 72(2) tal-Kap 37 [1] jipprovdi dwar il-procedura li tista' tintuza biex wiehed jikkontesta n-nota ta' <u>qbid ta' l-oggetti</u> zdazjati jekk ikollu raguni skont il-ligi biex jitlob ir-rilaxx taghhom.

Inoltre, ladarba l-appellanti kienet a konoxxenza li l-*yacht* kien se jintuza minn zewgha, hija ma tistghax tghid li l-istess uzu tal-yacht sar b' habi minnha; dan apparti l-konsiderazzjoni jekk ix-xjenza *o meno* li l-*yacht* kien ser jintuza mit-terz hix wahda relevanti ghall-finijiet tal-konfiska skond l-artikolu 68 tal-Kap. 37.

Ghaldaqstant din il-Qorti ma ssib xejn eccepibbli fir-ragunament ta' l-ewwel Qorti u, konsegwentement, ma tistax takkolji lanqas it-tielet, ir-raba' u l-hames aggravju ta' l-appellanti.

Illi ghal dak li jirrigwarda **<u>l-ahhar aggravju</u>** u cioe` l-kwistjoni dwar it-talba ghas-soprasessjoni din il-Qorti, tosserva illi quddiem l-ewwel Qorti qatt ma saret xi talba

---

[1] (2) All seizures made under this Ordinance shall be deemed to be forfeited as of right, and may be sold or otherwise disposed of as the Minister responsible for customs may direct, unless the person from whom such seizure has been made, or the owner thereof, or some person authorized by him, within thirty days from the date of seizure, gives notice in writing to the Comptroller, that he claims the things so seized or intends to claim them, whereupon proceedings shall, within thirty days from the date upon which such notice was given, be instituted by the claimant in the competent civil court, according to the value of the things seized, in default of which the claim shall be taken to be abandoned.

simili sabiex tissoprassjedi pendenti l-proceduri kriminali. Din il-Qorti tirrileva illi hawnhekk qeghdin fi stadju ta' revizjoni u kwindi ma tistax tiddeciedi materja li quddiem l-ewwel Qorti qatt ma giet ventilata.

Ghaldaqstant dan l-aggravju qieghed ukoll jigi michud.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi billi tichad l-appell interpost mir-rikorrenti u qieghda tikkonferma ghalhekk is-sentenza appellata. L-ispejjez taz-zewg istanzi ghandhom jithallsu mir-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------